# L-Italja: l-esperjenza kerha ta' tewmin Sirjani fil-Mediterran

Aktar ma jisħon il-baħar, aktar jiżdiedu d-dgħajjes bil-migranti u r-rifuġjati li jagħmlu l-vjaġġ perikoluż minn naħa għal oħra tal-Mediterran lejn l-Ewropa. Fl-aħħar ġimgħa, aktar minn 8 500 persuna ġew salvati minn fuq il-baħar u ttieħdu f'partijiet differenti tal-Italja. Disgħa ġew ikkonfermati mejta. Mohammed u Iyla huma tewmin mis-Sirja; għandhom 25 sena. Ħarbu minn Aleppo fl-2013 wara li d-dar u r-ristoranti tagħhom intlaqtu mill-bombi. Wara erba' xhur jistennew fil-Libja u wara li ħallsu aktar minn 3 000 dollaru lit-traffikanti, iż-żewġ aħwa bdew jitilfu kull tama.

"Kemm ħadulna flus. Sakkruna f'kamra għal żmien twil, u kulma tawna x'nieklu kien ftit ġobon u ħobż darba kuljum. Kienet tortura. Kienu jgħajruna u jinsultawna. Kuljum kienet tidħol persuna differenti. Tlifna l-kont. Il-ħin kollu kienu jidħlu nies ġodda armati."

Iżda ma setgħux immorru lura s-Sirja.
"Kieku bqajna hemm, konna mmutu fil-Lvant Nofsani. Darba biss tmut f'ħajtek. Iddeċidejna li nirriskjaw li mmutu aħna u nippruvaw naslu hawn." Fl-14 ta' April waslet l-ordni biex jirkbu d-dgħajsa.

"Il-vjaġġ kien diffiċli ħafna. L-ewwel għamilna ħafna ħin fuq il-baħar. Domna 15-il siegħa. Il-mutur kien beda jmajna. Kien Alla li ħarisna. Bdejna naħsbu li konna se mmutu minn mument għal ieħor. Ma kull ċaqliqa bdejna nħossuna se ninqalbu. Kellna t-tfal abbord. Konna mwerwrin u ma ċċaqlaqniex, biex nipproteġuhom." Mohammed u Iyla jħossuhom xortihom tajba li għadhom ħajjin. Huma parti minn ġenerazzjoni mitlufa li ħalliet warajha passat ikrah u qed tiffaċċja futur inċert.